TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 206/13/F

**Rita Spiteri**

**vs**

**Melita P.l.c.**

Illum 25 ta' Frar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 ta' Settembru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet li ma tħallasx l-ammont ta' tmien mitt ewro (€800), rappreżentanti telefonati li suppost kienu b'xejn.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet abbonat għal servizz mal-Melita P.l.c. u li jkollha tliet numri b'xejn. Illi jidher li qabżet il-kont ferm aktar milli użat is-servizz għal aktar minn tliet numri.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat lista ta' telefonati fejn jidher biċ-ċar illi hemm ammont ta' telefonati fejn saru lil dawn it-tliet numri b'xejn, u kif ukoll kien hemm telefonati li saru fuq numri oħra u għalhekk ir-rikorrenti ma tistax tippretendi li ma tħallasx il-kont tat-telefonati li saru fuq numri li ma kinux b'xejn.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda u ra l-kontijiet kollha li ġew ippreżentati, jinnota li l-ammont totali huwa ta' ħames mija u tnejn u sebgħin ewro, u erba' ċenteżmi (€572.04), u jekk traħħas l-ammont ta' mija u disgħa w disgħin ewro, u disgħa w disgħin ċenteżmi (€199.99) li huwa l-ammont ta' telefonati li saru lejn dawn it-tliet numri, l-ammont jiġi għal tliet mija u tnejn u sebgħin ewro, u ħames ċenteżmi (€372.05).

**Għal dawn il-motivi:**

Għaldaqstant, it-Tribunal jikkonkludi illi l-ammont dovut mir-rikorrenti lis-soċjeta' ntimata huwa ta' tliet mija u tnejn u sebgħin ewro, u ħames ċenteżmi (€372.05) u jiġi ritornat il-*mobile phone* lis-soċjeta' ntimata, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**